



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

BRUSSELL, 16/06/2010

BAĠIT ĠENERALI - 2010  
TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI 01, 14

### TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru **DEC 19/2010**

---

EUR

#### **MINN**

**KAPITOLU** - 0104 Operazzjonijiet u strumenti finanzjarji

ARTIKOLU - 01 04 04 Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni - Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni

Flasijiet - 15 000 000

#### **GĦAL**

**KAPITOLU** - 1404 Politika doganali

ARTIKOLU - 14 04 02 Dwana 2013

Flasijiet 11 000 000

**KAPITOLU** - 1405 Politika ta' Tassazzjoni

ARTIKOLU - 14 05 03 Fiscalis 2013

Flasijiet 4 000 000

## I. ŻIEDA

### I.A

#### a) Intestatura

**14 04 02 - Dwana 2013**

#### b) Ċifri fit-18/05/2010

	<b>Flasijiet</b>
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + BE)	29 000 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	29 000 000
4. Utilizzazzjoni tal-approprjazzjoni finali	19 200 424
<hr/>	
<b>5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)</b>	<b>9 799 576</b>
<b>6. Ftigijiet sa tmiem is-sena</b>	<b>20 799 576</b>
<b>7. Żieda proposta</b>	<b>11 000 000</b>
8. Żieda bħala persentaġġ tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	37,93%
9. Żieda, bħala persentaġġ tal-approprjazzjoni finali tas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulata skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni	mhux applikabbli

#### c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

	<b>Flasijiet</b>
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fit-18/05/2010	0
3. Rata ta' utilizzazzjoni [(1-2)/1]	mhux applikabbli

#### d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Il-programm Dwana 2013 beda fl-2008. L-eżekuzzjoni tal-kuntratti, kif ukoll il-forniment tar-riżultati tanġibbli, qed ikunu eħfef meta mqabbla mal-programm preċedenti, Dwana 2007. B'hekk, l-eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet għall-flasijiet qed tkun ukoll eħfef milli mistenni.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni għamlet sforz addizzjonali biex tnaqqas iż-żmien tal-aċċettazzjoni tar-riżultati tanġibbli l-kbar - u l-flasijiet dovuti - għall-anqas possibbli (\*). Dan it-tnaqqis għandu jkun ta' appoġġ għall-irkupru ekonomiku billi r-riżorsi finanzjarji jsiru disponibbli mill-aktar fis possibbli.

Fit-tbassir oriġinali tagħha fir-rebbiegħa tal-2009, il-Kummissjoni kienet prudenti minħabba esperjenzi preċedenti. Fid-dawl tal-iżviluppi preżenti, il-Kummissjoni illum tistma li n-nuqqas totali fl-approprjazzjonijiet għall-flasijiet matul l-2010 hu ta' EUR 11-il miljun.

L-appropriazzjonijiet ser jintużaw għall-kuntratti li ġejjin:

- Servizzi u riżultati tanġibbli fil-qasam tal-Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT applikat għad-Dwana, Tassazzjoni u l-Applikazzjonijiet tas-Sisa u Sistemi Trans-Ewropej taħt il-ġestjoni tad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, li tiżgura sistemi elettroniċi ta' skambju tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali;
- Speċifikazzjoni, żvilupp, manutenzjoni u appoġġ għas-sistemi tal-IT tad-Dwana relatati ma' proġetti tad-DG TAXUD (CUST/DEV);
- Servizzi ta' Wide Area Network għal CCN/CSI (Common Communications Network/Common Systems Interface);
- Żvilupp, appoġġ, operazzjoni, manutenzjoni u maniġment tal-infrastruttura u l-helpdesk tas-CCN/CSI.

(\*) Komunikazzjoni mis-Sinjura Grybauskaitė bi ftehim mal-President tal-Kummissjoni dwar "ir-regoli finanzjarji u t-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-baġit bħala għajnuna għall-irkupru ekonomiku" [SEC (2009) 477 finali]

## I.B.

### a) Intestatura

#### 14 05 03 - Fiscalis 2013

### b) Ċifri fit-18/05/2010

	<b>Flasijiet</b>
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + BE)	15 300 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	15 300 000
4. Utilizzazzjoni tal-approprjazzjoni finali	6 757 281
<hr/>	
<b>5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)</b>	<b>8 542 719</b>
<b>6. Ftigijiet sa tmiem is-sena</b>	<b>12 542 719</b>
<b>7. Żieda proposta</b>	<b>4 000 000</b>
8. Żieda bħala persentaġġ tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	26,14%
9. Żieda, bħala persentaġġ tal-approprjazzjoni finali tas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulata skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni	mhux applikabbli

### c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

	<b>Flasijiet</b>
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fit-18/05/2010	0
3. Rata ta' utilizzazzjoni $[(1-2)/1]$	mhux applikabbli

### d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Il-programm Ficalis 2013 beda fl-2008. L-eżekuzzjoni tal-kuntratti, kif ukoll il-forniment tar-riżultati tanġibbli, qed ikunu eħfef meta mqabbla mal-programm preċedenti, Fiscalis 2007. Fl-2009, il-Kummissjoni rnexxielha tward eżekuzzjoni għolja ta' approprjazzjonijiet għall-impenji, xi ħaġa li hi mistennija li tkompli fl-2010. B'hekk, l-eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet għall-flasijiet qed tkun ukoll eħfef milli mistenni.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni għamlet sforz addizzjonali biex tnaqqas iż-żmien tal-aċċettazzjoni tar-riżultati tanġibbli l-kbar - u l-flasijiet dovuti - għall-anqas possibbli (\*). Dan it-tnaqqis għandu jkun ta' appoġġ għall-irkupru ekonomiku billi r-riżorsi finanzjarji jsiru disponibbli mill-aktar fis possibbli.

Fit-tbassir oriġinali tagħha fir-rebbiegħa tal-2009, il-Kummissjoni kienet prudenti minħabba esperjenzi preċedenti. Fid-dawl tal-iżviluppi preżenti, il-Kummissjoni illum tistma li n-nuqqas totali fl-approprjazzjonijiet għall-flasijiet ikun ta' EUR 4 miljuni.

L-appropriazzjonijiet ser jintużaw għall-kuntratti li ġejjin:

- Servizzi u riżultati tanġibbli fil-qasam tal-Maniġment tas-Servizzi tal-IT applikat għad-Dwana, Tassazzjoni u l-Applikazzjonijiet tas-Sisa u Sistemi Trans-Ewropej taħt il-ġestjoni tad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, li tiżgura sistemi elettroniċi ta' skambju tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali;
- Speċifikazzjoni, żvilupp, manutenzjoni u appoġġ għas-servizzi tal-IT Trans-Ewropej fl-oqsma tat-tassazzjoni u s-sisa (FITS/DEV);
- Servizzi ta' Wide Area Network għal CCN/CSI (Common Communications Network/Common Systems Interface);
- Żvilupp, appoġġ, operazzjoni, manutenzjoni u maniġment tal-infrastruttura u l-helpdesk tas-CCN/CSI.

(\*) Komunikazzjoni mis-Sinjura Grybauskaitė bi ftehim mal-President tal-Kummissjoni dwar "ir-regoli finanzjarji u t-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-baġit bħala għajnuna għall-irkupru ekonomiku" [SEC (2009) 477 finali]

## II. TNAQQIS

### a) Intestatura

**01 04 04 – Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni - II-Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni**

### b) Ċifri fit-18/05/2010

	<b>Flasijiet</b>
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + BE)	91 900 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	2 315 880
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	94 215 880
4. Utilizzazzjoni tal-approprjazzjoni finali	0
<hr/>	
<b>5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)</b>	<b>94 215 880</b>
<b>6. Ftigijiet sa tmiem is-sena</b>	<b>79 215 880</b>
<b>7. Tnaqqis propost</b>	<b>15 000 000</b>
8. Tnaqqis bħala perċentwali tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	16,32%
9. Tnaqqis, bħala perċentwali tal-approprjazzjoni finali tas-sena, mis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulat skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni	mhux applikabbli

### c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

	<b>Flasijiet</b>
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fit-18/05/2010	0
3. Rata ta' utilizzazzjoni [(1-2)/1]	mhux applikabbli

### d) Id-dettalji dwar ir-raġunijiet għat-trasferiment

Fl-istat attwali ta' implimentazzjoni, jista' jitbassar li l-approprjazzjonijiet għall-flasijiet disponibbli taħt il-linja baġitarja 01 04 05 fl-2010 mhumiex ser jintużaw kollha din is-sena.

L-approprjazzjonijiet għall-flasijiet huma trasferiti f'kontijiet fiduċjarji kif meħtieġ biex jiżguraw li l-Fond Ewropew għall-Investment (EIF) ikun dejjem f'pożizzjoni li jħallas lill-intermedjarji finanzjarji.

L-ammont ta' flasijiet meħtieġa fi kwalunkwe sena jiddependi fuq il-bżonnijiet tas-suq u li jkunu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet matul l-implimentazzjoni tal-kuntratti ffirmati. Għalhekk, teżisti diskrepanza inerenti taż-żmien bejn it-trasferiment għall-kontijiet fiduċjarji u l-flasijiet lill-benefiċjarji.

Il-kriżi finanzjarja kellha effett maġġuri fuq il-profil tal-flasijiet tal-istrumenti finanzjarji, partikolarment dawk fil-qasam tal-kapital ta' riskju.

Skont l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kapital ta' Riskju (EVCA), l-investimenti u d-divestimenti (ċessjonijiet) tnaqqsu b'iktar minn nofs bejn l-2007 u l-2009 meta mqabbla mas-sitwazzjoni qabel il-kriżi. Dawn l-iżviluppi kellhom ukoll impatt sostanzjali fuq it-tbassir fejn jidhru fl-asijiet għall-2010.

Barra minn hekk, sabiex ikunu evitati bilanċi eċċessivi fuq il-kontijiet fiduċjarji, il-EIF u s-servizzi tal-Kummissjoni analizzaw il-metodu li bih ikunu kkalkulati l-approprijazzjonijiet għall-flusijiet u qablu dwar numru ta' aġġustamenti biex itejbu l-affidabilità tagħha.

B'konsegwenza ta' dawn iż-żewġ elementi hawn fuq imsemmija, approprijazzjonijiet għall-flusijiet imbassra fil-baġit tal-2010 mhux ser ikunu kompletament meħtieġa fl-2010. L-ammont ta' EUR 15 000 000 jista' għalhekk isir disponibbli għat-trasferiment.